DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/662/PESK

tal-25 ta' Ottubru 2012

b'appoġġ għall-attivitajiet biex jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu fi, u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fir-reġjun kopert mill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-15 u s-16 ta' Diċembru 2005, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE fil-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni ta' u t-traffikar f'armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) u l-munizzjon tagħhom (l-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW). Dik l-Istrateġija enfasizzat li sabiex ikun imminimizzat ir-riskju kkawżat mill-kummerċ illeċitu fi u l-akkumulazzjoni eċċessiva tas-SALW, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-akkumulazzjonijiet enormi tas-SALW maħżuna fl-Ewropa tal-Lvant u tax-Xlokk u l-modi ta' kif dawn jixxerdu fiż-żoni ta' konflitt.

(2) L-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW tidentifika fost l-għanijiet tagħha it-trawwim ta' multilateraliżmu effettiv sabiex jissawru mekkaniżmi, kemm internazzjonali, reġjonali jew fl-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, kontra l-fornitment u t-tixrid destabbilizzanti tas-SALW u l-munizzjon tagħhom. Fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha, l-Istrateġija tirreferi b'mod partikolari għall-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) bħala waħda mill-organizzazzjonijiet reġjonali li magħha għandha tiġi żviluppata l-kooperazzjoni. B'mod partikolari, hemm dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-appoġġ li għandu jingħata lill-azzjoni tal-OSKE fil-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu tas-SALW u l-munizzjon tagħhom u fil-qerda tal-ħażniet żejda tal-Istati Parteċipanti tal-OSKE (l-Istati Parteċipanti).

(3) Fl-24 ta' Novembru 2000, l-Istati Parteċipanti adottaw id-Dokument tal-OSKE dwar is-SALW fejn huma ntrabtu li jistabbilixxu u jimplementaw kontrolli nazzjonali effettivi dwar it-trasferimenti tas-SALW, inkluż kontrolli fuq l-esportazzjoni u l-bejgħ bis-senserija. Dak id-Dokument jenfasizza wkoll l-effetti destabbilizzanti li l-akkumulazzjoni eċċessiva tas-SALW u l-ġestjoni u s-sigurtà mhux adegwati tal-ħażniet jista' jkollhom fuq is-sigurtà nazzjonali, reġjonali u internazzjonali. Huwa jidentifika l-qerda bħala l-metodu ppreferut għat-tneħħija ta' SALW żejda.

(4) Fis-26 ta' Mejju 2010, l-Istati Parteċipanti tal-OSKE adottaw il-Pjan ta' Azzjoni tal-OSKE dwar is-SALW, fejn, fost l-oħrajn, issir referenza għall-ħtieġa li jiġi stabbilit jew rinfurzat il-qafas legali tal-Istati Parteċipanti għal attivitajiet ta' senserija leġittimi, li jissaħħu l-impenji dwar il-ġestjoni u s-sigurtà tal-ħażniet tas-SALW, u li jissaħħaħ l-impenn tal-Istati Parteċipanti għall-qerda ta' SALW żejda u illeċiti, u għal mezzi għat-titjib tal-kapaċità tagħhom għall-qerda ta' SALW żejda u illeċiti.

(5) Fit-23 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2003/468/PESK dwar il-kontroll fuq is-senserija fil-bejgħ tal-armi [1], li tirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha, inkluż qafas legali ċar għall-attivitajiet leġittimi tal-bejgħ bis-senserija, sabiex jikkontrollaw l-attivitajiet tas-senserija li jsiru ġewwa t-territorju tagħhom, u li tħeġġiġhom jikkunsidraw il-kontroll tal-attivitajiet tal-bejgħ bis-senserija 'l barra mit-territorju tagħhom imwettqa minn sensara tan-nazzjonalità tagħhom residenti jew stabbiliti fit-territorju tagħhom.

(6) Fit-8 ta' Diċembru 2008, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari [2]. Il-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK tistabbilixxi sett ta' kriterji li jiggwidaw lill-Istati Membri fil-valutazzjoni tal-esportazzjoni, l-esportazzjoni mill-ġdid u l-applikazzjonijiet għall-bejgħ bis-senserija ta' armi konvenzjonali. Hija tirrikjedi li l-Istati Membri jagħmlu kull sforz biex iħeġġu lil Stati oħrajn, li jesportaw teknoloġija jew tagħmir militari, japplikaw il-kriterji ta' dik il-Pożizzjoni Komuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

1. Għall-fini li tippromwovi l-paċi u s-sigurtà, kif ukoll il-multilateraliżmu effettiv fil-livelli globali u reġjonali, l-UE għandha ssegwi l-għanjiet li ġejjin:

[1] ĠU L 156, 25.6.2003, p. 79.
[2] ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99.

— it-tisħiħ tal-paċi u s-sigurtà fil-viċinat tal-Unjoni, permezz tar-riduzzjoni tat-theddida li l-kummerċ illeċitu u l-akkumulazzjoni eċċessiva tas-SALW jirrappreżentaw fir-reġjun tal-OSKE;

— l-appoġġ għal multilateraliżmu effettiv fil-livell reġjonali, billi tappoġġa l-azzjoni tal-OSKE għall-prevenzjoni tal-akkumulazzjoni eċċessiva ta', u l-kummerċ illeċitu tas-SALW u l-munizzjon tagħhom.

2. Biex tikseb l-għan imsemmi fil-paragrafu 1, l-Unjoni għandha twettaq il-proġetti li ġejjin:

— l-organizzazzjoni ta' workshop reġjonali ta' taħriġ għall-uffiċjali rilevanti tal-Istati Parteċipanti tal-OSKE responsabbli għall-kontrolli tal-bejgħ bis-senserija tas-SALW,

— it-titjib fis-sigurtà tas-siti tal-ħżin tas-SALW fil-Bjelorussja u l-Kirgistan,

— il-qerda tas-SALW żejda fil-Bjelorussja u l-Kirgistan biex jiġi evitat li jmorru lejn il-kummerċ illeċitu,

— l-introduzzjoni ta' applikazzjoni informatika għall-ġestjoni tal-inventarju tas-SALW, biex jittejbu l-ħażniet, iż-żamma ta' reġistri u t-traċċar tas-SALW u l-munizzjon konvenzjonali f'diversi Stati Parteċipanti tal-OSKE.

Deskrizzjoni ddettaljata ta' dan il-proġetti hi mniżżla fl-Anness.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-RGħ) għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġetti msemmijin fl-Artikolu 1(2) għandha titwettaq minn żewġ aġenziji ta' implimentazzjoni:

(a) Is-Segretarjat tal-OSKE għandu jimplimenta:

— il-workshop reġjonali ta' taħriġ għall-uffiċjali rilevanti tal-Istati Parteċipanti dwar il-kontrolli tal-bejgħ bis-senserija tas-SALW,

— it-titjib fis-sigurtà għad-depożiti tal-ħażniet ta' armi konvenzjonali u munizzjon fil-Kirgistan,

— il-qerda tas-SALW żejda fil-Bjelorussja u l-Kirgistan biex jiġi evitat li jmorru lejn il-kummerċ illeċitu, u

— l-introduzzjoni ta' software ta' inventarju tas-SALW biex titjieb il-ġestjoni tal-ħażniet, iż-żamma ta' reġistru u t-traċċar ta' armi.

(b) Il-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Bjelorussja (Uffiċċju tal-UNDP fil-Bjelorussja) għandu jimplimenta t-titjib fis-sigurtà għad-depożiti tal-ħażniet ta' armi konvenzjonali u munizzjon fil-Bjelorussja.

3. Is-Segretarjat tal-OSKE u l-Uffiċċju tal-UNDP fil-Bjelorussja għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom taħt ir-responsabbiltà tar-RGħ. Għal dan il-fini, ir-RGħ għandu jagħmel fl-arranġamenti meħtieġa mas-Segretarjat tal-OSKE u l-Uffiċċju tal-UNDP fil-Bjelorussja.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1(2) għandu jkun ta' EUR 1 680 000.

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont stipulat fil-paragrafu 1 għandha tkun amministrata konformement mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni xierqa tan-nefqa msemmija fil-paragrafu 1. Għal dan il-fini, hija għandha tikkonkludi ftehimiet ta' finanzjament mas-Segretarjat tal-OSKE u mal-UNDP fil-Bjelorussja. Il-ftehimiet għandhom jistipulaw li s-Segretarjat tal-OSKE u l-Uffiċċju tal-UNDP fil-Bjelorussja għandhom l-obbligu li jiżguraw il-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, adatt għad-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehimiet ta' finanzjament imsemmijin fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill dwar kwalunkwe diffikultà f'dan il-proċess u dwar id-data tal-konklużjoni tal-ftehimiet ta' finanzjament.

Artikolu 4

Ir-RGħ għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari mħejjija mis-Segretarjat tal-OSKE u l-uffiċċju tal-UNDP fil-Bjelorussja. Dawn ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill.

Il-Kummissjoni tipprovdi l-informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-proġetti kif imsemmi fl-Artikolu 1(2).

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehimiet ta' finanzjament imsemmija fl-Artikolu 3(3) jew sitt xhur wara d-data tal-adozzjoni tagħha jekk l-ebda ftehim ta' finanzjament ma jkun ġie konkluż fi ħdan dak il-perjodu.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-25 ta' Ottubru 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

E. MAVROU

ANNESS

1. **Għanjiet**

L-għan ġenerali ta' din id-Deċiżjoni huwa l-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà fil-viċinat tal-Unjoni, permezz tat-tnaqqis tat-theddida li l-kummerċ illeċitu u l-akkumulazzjoni eċċessiva tas-SALW jirrappreżentaw fir-reġjun tal-OSKE. Din id-Deċiżjoni timmira wkoll għall-promozzjoni ta' multilateraliżmu effettiv fil-livell reġjonali, permezz tal-appoġġ tal-azzjoni tal-OSKE għall-prevenzjoni tal-akkumulazzjoni eċċessiva u l-kummerċ illeċitu tas-SALW, u l-munizzjon tagħhom. Dawn l-attivitajiet jinkludu l-qerda ta' SALW żejda fir-reġjun tal-OSKE, it-titjib fis-sigurtà u l-ġestjoni tal-ħażniet tal-armi, l-iżvilupp ta' għodod adatti għaż-żamma ta' reġistri tal-armi, u t-tisħiħ tal-kontroll tat-trasferimenti ta' armi konvenzjonali, b'mod partikolari il-bejgħ bis-senserija.

2. **Deskrizzjoni tal-proġetti**

2.1. **L-organizzazzjoni ta' workshop reġjonali ta' taħriġ għall-uffiċjali rilevanti tal-Istati Parteċipanti dwar il-kontrolli tal-bejgħ bis-senserija tas-SALW**

2.1.1. *Għan tal-proġett*

— Li titqajjem il-konsapevolezza u li tittejjeb l-implimentazzjoni mill-Istati Parteċipanti tal-impenji internazzjonali and reġjonali eżistenti fil-qasam tal-kontrolli tal-bejgħ bis-senserija tas-SALW,

— Li jiġu analizzati l-aħjar prattiki u lezzjonjiet miksuba minn pajjiżi/reġjuni oħra u li tiġi identifikata l-applikabbiltà tagħhom għall-ħtiġijiet tal-parteċipanti.

2.1.2. *Deskrizzjoni tal-proġett*

— L-organizzazzjoni mis-Segretarjat tal-OSKE ta' workshop reġjonali ta' tlett ijiem għall-uffiċjali rilevanti tal-istati minn mhux iktar minn 15-il Stat Parteċipanti.

Rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet rilevanti internazzjonali u reġjonali, u esperti oħra, inkluż esperti mill-Unjoni, ser jipparteċipaw f'dan l-avveniment. Mhux iktar minn 70-il parteċipant ser jattendu għal dan l-avveniment. Is-Segretarjat tal-OSKE, f'koordinazzjoni mar-RGħ u l-korpi rilevanti tal-Kunsill, ser jiżviluppa id-dokument iddettaljat ta' kunċett u l-aġenda għall-avveniment.

2.1.3. *Riżultati mistennija tal-proġett*

— It-titjib tal-kontrolli tal-bejgħ bis-senserija tas-SALW fl-Istati Parteċipanti li huma mistiedna jipparteċipaw fil-workshop,

— It-tnaqqis tar-riskji ta' attivitajiet illegali ta' bejgħ bis-senserija, u ta' kummerċ illegali tas-SALW, u b'konsegwenza ta' sigurtà msaħħa għall-popolazzjonijiet, il-gruppi u l-individwi li jintlaqtu ħazin mill-kummerċ illegali tas-SALW.

2.1.4. *Postijiet għas-seminars*

Is-Segretarjat tal-OSKE ser jipproponi lista ta' postijiet potenzjali għas-seminars reġjonali, li mbagħad jiġu approvati mir-RGħ f'konsultazzjoni mal-korpi kompetenti tal-Kunsill.

2.1.5. *Benefiċjarji tal-proġett*

— L-uffiċjali tal-istat u l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Parteċipanti responsabbli għall-kontrolli tat-trasferimenti tas-SALW,

— Il-popolazzjonijiet, il-gruppi u l-individwi li jintlaqtu ħazin mill-kummerċ illegali tas-SALW.

2.2. **Titjib fis-sigurtà tad-depożiti tal-ħażniet ta' armi konvenzjonali u munizzjon fil-Bjelorussja u l-Kirgistan**

2.2.1. *Għan tal-proġett*

— Li jissaħħu s-sigurtà u l-ġestjoni tal-ħażniet f'mhux iktar minn żewġ siti tal-ħżin tas-SALW fil-Bjelorussja u f'mhux iktar minn tliet siti tal-ħżin tas-SALW fil-Kirgistan,

— Li jikkontribwixxi għal sigurtà msaħħa fl-Asja Ċentrali u fl-Ewropa tal-Lvant, u li jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu tas-SALW.

2.2.2. *Deskrizzjoni tal-proġett*

— It-titjib tas-sistemi tas-sigurtà f'mhux iktar minn żewġ siti tal-ħżin tas-SALW fil-Bjelorussja, skont l-Aħjar Prattika dwar is-SALW tal-OSKE, inkluż permezz tal-istallazzjoni u/jew ir-rinnovazzjoni meħtieġa tal-istallazzjonijiet tal-elettriku, tal-kapaċità għat-tifi tan-nar tal-ewwel għajnuna, tal-għeluq u t-tidwil tal-perimetri, tas-sistemi ta' kxif ta' intrużi u tal-allarm, kif ukoll tat-tagħmir tat-telekomunikazzjoni għal sigurtà msaħħa,

— It-titjib u /jew l-istabbiliment f'mhux iktar minn tliet siti tal-ħżin tas-SALW fil-Kirgistan, skont l-Aħjar Prattika dwar is-SALW tal-OSKE, inkluż permezz tal-istallazzjoni u/jew ir-rinnovazzjoni tal-għeluq u t-tidwil tal-perimetri, ta' bibien u twieqi ta' sigurtà fis-siti tal-ħżin, tas-sistemi ta' kxif ta' intrużi, tal-kameras ta' sigurtà close circuit (CCTV) u tat-tagħmir tat-telekomunikazzjoni.

Is-Segretarjat tal-OSKE u l-Uffiċċju tal-UNDP fil-Bjelorussja, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti tal-Bjelorussja u tal-Kirgistan, ser jidentifikaw is-siti tal-ħżin li għandhom ħtieġa ta' titjib fis-sigurtà u ser jindikaw is-siti preċiżi li għandu jsirilhom titjib bl-appoġġ ta' din id-Deċiżjoni, f'konsultazzjoni mar-RGħ u mal-korpi kompetenti tal-Kunsill. L-attivitajiet kollha minbarra dawk relatati ma' titjib tas-siti tal-ħżin tas-SALW fil-Bjelorussja ser jiġu implimentati mis-Segretarjat tal-OSKE. Fil-Bjelorussja, l-attivitajiet ser jiġu implimentati mill-Uffiċċju tal-UNDP fil-Bjelorussja minħabba li l-OSKE m'għandux rappreżentanza adatta u status legali fil-Bjelorussja, u wkoll minħabba li l-implimentazzjoni ta' din il-parti tal-proġett mill-Uffiċċju tal-UNDP fil-Bjelorussja hija aktar kosteffettiva meta mqabbla ma' ġestjoni bbażata fi Vjenna ta' proġett mill-OSKE. Ir-rwol tal-OSKE fil-koordinazzjoni ġenerali tal-proġett u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni relatata mal-għażla tas-siti tal-ħżin u miżuri ta' sikurezza u sigurtà li għandhom jiġu implimentati, il-pjanijiet annwali ta' ħidma, il-kontroll tal-kwalità ta' xogħlijiet kompluti u l-kontribuzzjoni nazzjonali tal-gvern tal-Bjelorussja ser jibqgħu. Il-Gvernijiet tal-Bjelorussja u tal-Kirgistan ser jipprovdu appoġġ għal dan il-proġett permezz ta' kontribut finanzjarju u/jew kontribut mhux finanzjarju, skont il-każ.

2.2.3. *Riżultati mistennija tal-proġett*

— It-tisħiħ tas-sigurtà u l-ġestjoni tal-ħażniet f'mhux iktar minn żewġ siti tal-ħżin tas-SALW fil-Bjelorussja u f'mhux iktar minn tliet siti tal-ħżin tas-SALW fil-Kirgistan,

— It-tnaqqis tar-riskju tal-kummerċ illeċitu tas-SALW u fl-armi konvenzjonali, u t-titjib tas-sigurtà u fl-Ewropa tal-Lvant.

2.2.4 *Benefiċjarji tal-proġett*

— Il-Ministeri tad-Difiża fil-Bjelorussja u l-Kirgistan,

— Il-popolazzjonijiet, il-gruppi u l-individwi li jintlaqtu ħazin mill-kummerċ illegali tas-SALW.

2.3. **Il-qerda tas-SALW żejda fil-Bjelorussja u l-Kirgistan biex jiġi evitat li jmorru lejn il-kummerċ illeċitu**

2.3.1. *Għan tal-proġett*

— Li jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu tas-SALW billi jinqerdu l-armi żejda fil-pussess tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti fil-Bjelorussja u l-Kirgistan.

2.3.2. *Deskrizzjoni tal-proġett*

— Il-qerda ta' mhux ikar minn 12 000 biċċa tas-SALW żejda fil-Bjelorussja,

— Il-qerda ta' mhux ikar minn 2 000 biċċa tas-SALW u mhux iktar minn 51 Sistemi ta' Difiża li Jinġarru mill-Bniedem kontra Attakki mill-Ajru (MANPADS) fil-Kirgistan.

Il-Gvernijiet tal-Bjelorussja u tal-Kirgistan ser jipprovdu appoġġ għal dan il-proġett permezz ta' kontribut finanzjarju u tagħmir, u ta' kontribut mhux finanzjarju, skont il-każ. L-attivitajiet kollha minbarra dawk relatati ma' titjib tas-siti tal-ħżin tas-SALW fil-Bjelorussja ser jiġu implimentati mis-Segretarjat tal-OSKE.

Fil-Bjelorussja, l-attivitajiet relatati ma' titjib tas-siti tal-ħżin tas-SALW ser jiġu implimentati mill-Uffiċċju tal-UNDP fil-Bjelorussja minħabba li l-OSKE m'għandux rappreżentanza adatta u status legali fil-Bjelorussja, u wkoll minħabba li l-implimentazzjoni ta' din il-parti tal-proġett mill-Uffiċċju tal-UNDP fir-Repubblika tal-Bjelorussja hija aktar kosteffettiva meta mqabbla ma' ġesjtoni bbażata fi Vjenna ta' proġett mill-OSKE. Ir-rwol tal-OSKE fil-koordinazzjoni ġenerali tal-proġett u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni relatata mal-għażla tas-siti tal-ħżin u miżuri ta' sikurezza u sigurtà li għandhom jiġu implimentati, il-pjanijiet annwali ta' ħidma, il-kontroll tal-kwalità ta' xogħlijiet kompluti u l-kontribuzzjoni nazzjonali tal-gvern tal-Bjelorussja ser jibqgħu.

2.3.3. *Riżultati mistennija tal-proġett*

— Il-qerda ta' partijiet tas-SALW u l-MANPADS żejda fl-Bjelorussja u l-Kirgistan,

— It-tnaqqis tar-riskju tal-kummerċ illeċitu tas-SALW u t-titjib tas-sigurtà fl-Ewropa tal-Lvant u l-Asja Ċentrali.

2.3.4. *Benefiċjarji tal-proġett*

— Il-Ministeri tad-Difiża fil-Bjelorussja u l-Kirgistan,

— Il-popolazzjonijiet, il-gruppi u l-individwi li jintlaqtu ħazin mill-kummerċ illegali tas-SALW.

2.4. **Introduzzjoni ta' software għall-inventarju tas-SALW, biex jittejbu l-ġestjoni tal-ħażniet, iż-żamma ta' reġistri u t-traċċar tal-armi**

2.4.1. *Għan tal-proġett*

— Li jittejbu l-ġestjoni u ż-żamma ta' reġistri tal-ħażniet tas-SALW u l-munizzjon konvenzjonali f'mhux inqas minn tmien Stati Parteċipanti, u b'dan il-mod li jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu fil-munizzjon tas-SALW u tal-armi konvenzjonali.

2.4.2. *Deskrizzjoni tal-proġett*

— Preżentazzjoni tal-applikazzjoni informatika għall-inventarju tas-SALW lill-Istati Parteċipanti interessati għal mhux inqas minn 20 persuna,

— Laqgħat mal-esperti f'mhux inqas minn tmien Stati Parteċipanti sabiex tiġi evalwata l-kompatibbiltà tal-applikazzjoni informatika għall-inventarju tas-SALW mar-rekwiżiti nazzjonali u s-segwitu rigward proċeduti u legislazzjoni nazzjonali,

— Aġġustamenti tekniċi għall-applikazzjoni informatika għall-inventarju tas-SALW f'mhux inqas minn tmien Stati Parteċipanti sabiex ikun hemm kompatibbiltà ma' rekwiżiti tekniċi maqbula, f'kooperazzjoni mal-Uffiċċju tal-UNDP fil-Bjelorussja u l-Ministeru tad-Difiża tal-Bjelorussja,

— Traduzzjoni tal-applikazzjoni informatika għall-inventarju tas-SALW f'mhux inqas minn tliet lingwi nazzjonali (b'kollox) kif rikjest fl-Istati Parteċipanti li jintroduċu l-applikazzjoni informatika għall-inventarju tas-SALW,

— Provvista limitata lil mhux inqas minn tmien Stati Parteċipanti, fejn meħtieġ,

— Istallazzjoni ta' sistema elettronika ta' żamma ta' reġistri f'mhux inqas minn tmien Stati Parteċipanti,

— L-iżvilupp ta' kurrikulu ta' taħriġ għal mhux inqas minn tmien Stati Parteċipanti (żewġ moduli – għall-persunal fil-kwartieri militari fil-kapitali tal-Istati Parteċipanti magħżulin, u għall-persunal fis-siti tal-ħżin),

— It-twettiq ta' taħriġ f'mhux inqas minn tmien Stati Parteċipanti skont il-kurrikulu ta' taħriġ imsemmi hawn fuq.

2.4.3. *Riżultati mistennija tal-proġett*

— It-titjib u l-istandardizzazzjoni tal-ġestjoni u ż-żamma ta' reġistri tal-ħażniet tas-SALW u l-munizzjon konvenzjonali f'mhux inqas minn tmien Stati parteċipanti,

— It-tnaqqis tar-riskju tal-kummerċ illegali tas-SALW u l-munizzjon konvenzjonali fir-reġjun tal-OSKE.

2.4.4. *Benefiċjarji tal-proġett*

— Il-Ministeri tad-Difiża ta' mhux inqas minn tmien Stati parteċipanti tal-OSKE,

— Il-popolazzjonijiet, il-gruppi u l-individwi li jintlaqtu ħazin mill-kummerċ illegali tas-SALW.

Is-Segretarjat tal-OSKE, f'konsultazzjoni mar-RGħ u l-korpi kompetenti tal-Kunsill, ser jdentifika l-Istati parteċipanti tal-OSKE li ser jibbenefikaw mill-proġett.

3. **Tul ta' żmien**

It-tul ta' żmien totali tal-proġetti hu stmat li jkun ta' 36 xahar.

4. **Entità tal-Implimentazzjoni Teknika**

L-implimentazzjoni teknika ta' din id-Deċiżjoni ser tkun fdata lis-Segretarjat tal-OSKE u l-Uffiċċju tal-UNDP fil-Bjelorussja li ser iwettqu l-kompitu tagħhom taħt ir-responsabbiltà tar-RGħ.

5. **Rappurtar**

Is-Segretarjat tal-OSKE u l-Uffiċċju tal-UNDP fil-Bjelorussja ser iħejju rapporti b'mod regolari, kif ukoll rapporti wara li titlesta kull waħda mill-attivitajiet deskritti. Ir-rapporti għandhom ikunu ppreżentati lir-RGħ mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara li jitlestew l-attivitajiet rilevanti.

6. **Spiża totali stmata tal-proġett u l-kontribut finanzjarju tal-UE**

L-ispiża totali tal-proġett hija ta' EUR 1 680 000.